DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL COPPS/1/2013

tad-9 ta' Lulju 2013

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

(2013/378/UE)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tt-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap ta' Missjoni.

(2) Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK estendiet il-mandat tal-EUPOL COPPS sat-30 ta' Ġunju 2014.

(3) Fit-3 ta' Lulju 2012, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni EUPOL COPPS/1/2012 [2], li taħtar lis-Sur Kenneth DEANE bħala Kap ta' Missjoni tal-EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2013.

(4) Fl-14 ta' Ġunju 2013, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Kenneth DEANE bħala Kap ta' Missjoni tal-EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Kenneth DEANE bħala Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż sat-30 ta' Ġunju 2014.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

[1] ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12.
[2] ĠU L 186, 14.7.2012, p. 31.